## LIL ANTON BUTTIGIEG, POETA MALTI

*B'għelm ta' ħbiberija*

*Ta'* Dun Pawl Cauchi

Poeta malti,
ma' kulħadd titkellem
irżin, bil-qalb,
lil kulħadd tħobb,
u ta' kull ħlieq ħabib ferħan u dħuli,
bħal Fqajjar t'Assisi
tal-ward, tax-xtieli l-moħba tas-sbuħija
taf, u tfisser bi kliem ta' ħlewwa;
narak jien għaqli bla serħan spiss toħlom,
umli narak bla xejn titkabbar.
Togħġobni l-umiltà tiegħek:
sabiħa l-umiltà twajba, ħaddiema:
taħdem fis-skiet, fil-ħemda,
fil-ħabi,
bi dmugħ mimli bis-sliem,
bil-barka tas-sema,
vrus sbieħ iqattru l-għasel.
għasel bnin ta' Malta
li, meta taħżnu f'kitbietek sbejħa,
tħallih hemm u donnok tinsieh,
u n-nies mill-għasel tiekol li tħallilha,
u ruħha ttuq,
u titrejjaq,
u tfiq mill-frugħa,
u titbissem ferħana.
b'ferħ minn ġewwa u tuqani,
u miegħek tidħak,
u tagħmel ġid f'saħħitha.

Rajt meta kont imsiefer,
fi ġnien ta' l-annimali,
għall-wirja tan-nies kurjużi,
ljunfant kbir ta' ġilda azzarija,
għajnejh impeċpċa lejn in-nies iħarsu
b'ħarsa kburija, mqita.
donnu lin-nies nemel jarahom,
mimli bil-kobor tiegħu,
kobor sfiq, aħrax,

li xi drabi
biex jiddevertu t-tfal iservi b'daħru
ġewwa l-ġonna ta' bliet kbar,
bħal ħaġa ta' żuffjett, taċ-ċajt :
kobor li jservi
biex għall-kaċċa ta' l-annimali slavaġ
xi għani jista' jmurlek,
xi rajjes ta' l-Indja,
jew bnadi oħra.

Imm'aktar nara ta' spiss
fil-bur,
fil-ħemda,
fis-skiet
taħdem in-naħla,
annimal ċkejken,
li n-nies, boloh! xi drabi minnu tibża',
nara n-naħla thejji
għasel bnin,
għasel tas-silla,
għasel tal-ward u l-plejju,
għasel meħud, imsoff mis-sagħtar
li l-blat jaqsam bil-fwieħa tiegħu.

Habbejtha n-naħla,
in-naħla bieżla, ħawtiela,
ħaddiema, għaqlija,
bla ma titlob tifħir minn ħadd,
lanqas minn dawk li lilhom tagħti
il-ġid tas-saħħa.

Stmerrejtu lill-iljunfant għolja ta' frugħa,
li jgħix mijiet ta' snin,
u n-nies ma tiħux minnu
ħlief stagħġib għax qoxortu ħoxna, sfiqa,
ġilda tal-bronz li ma tafx,
li ma tistax qatt tistħi.
ħlieqa li ma tafx ħlief tagħmel
xi passiġġata
fil-ġonna tal-bliet kbar bit-tfal miżgħuda,
ma tafx tagħmilha ħlief ta' karru miexi
fil-kaċċa selvaġġa,

biex in-nies tiftaħar
bin-njieb tiegħu
li jċarrtu, jbiċċru
u jeqirdu d-dib tax-xagħri.

Poeta Malti
m'intix int le bħall-iljunfant imkabbar:
lin-naħla għaqlija
jien narak wisq tixbaħ.